MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 290/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 570155(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Dicembru 2011, Jannar 2012 u Frar 2012 u Marzu 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Carmen Spiteri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minnn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-

jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Mejju, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija.
Il-qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ Gunju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f’kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti talab li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :
Illi l-Ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni taghha biss abbazi tal-fatt illi lappellant naqas illi jhallas il-manteniment lill-martu Carmen Spiteri u/jew lil uliedu fiz-zmien stipulat;

Illi ghaidaqstant jirrizulta illi l-Ewwel Qorti ma qisitx x’kienet ir-raguni vera ghal tali nuqqas u naqset milli tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi n-nuqqas da parti ta’ l-appellant illi jonora l-obbigu li ghandu, ma sarx b’kapricc izda ghax ic-cirkostanzi tieghu huma dawk Ii huma u huwa fl-impossibilita’ li jhallas;

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset ukoli milli tapprezza l-fatt illi l-appellant mill-beneficcju socjali baxx li jgawdi irid (a) ihallas il-manteniment, (b) jixtri il-medicini li qed jigu preskritti lilu minn zmien ghal zmien mit-tobba li qed jirreferi ruhu ghandhom stante problemi ta’ sahha u problemi psikologici li qed jaffaccja b’konsegwenza ta’ l-

incident li ghadda minnu,  kif ukoll b’konsegwenza tat-tensjoni li c-cirkostanzi li qed jghix fihom qed igibu fuqu, (c) kif ukoll irid jghix hu;

Illi s-sitwazzjoni li qed jghix fiha l-appellant hija tali illi bilkemm qed ikollu biex jghix hu;

Illi madanakollu jidher illi l-appellant gie meqjus u trattat daqs li kieku huwa xi persuna illi ma jinteressahix mill-ordnijiet tal-Qorti u tikser l-istess bla ebda konsiderazzjoni ta’ xejn;

Illi jirrizulta wkoll illi biex l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ghad-decizjoni li evetwalment waslet ghaliha, lanqas ma hadet in konsiderazzjoni r-rimarka ta’ l-Ispettur Raymond Ambrogio li fl-affidavit tieghu, minn jheddu irrimarka illi

*Ntemm nghid li l-missier ihossu mdejjaq bis-sitwazzjoni u dan il-fatt qed johloq tensjoni u pressjoni ingusta fil-hajja tieghu ghar-raguni li hu ma hux kontra li jaghti l-manteniment: imma l-kundizzjoni tas-sahha tieghu gabitu fejn qieghed;*

Illi din ir-rimarka fiha nnifisha messha giet meqjusa bhala xhieda cara ta’ dak li vera wassal lill-appellant ghal tali nuqqas, u tad-dispjacir tieghu li jinsab fis-sitwazzjoni li jinsab, madanakollu din ix-xhieda ma inghatat ebda piz;

Illi l-esponenti jissottometti illi fil-fehema umli tieghu f’kazi daqshekk delikati u sensittivi ikun ferm aktar gust u xieraq jekk persuni bhall-appellant jigu trattati b’aktar sensittivita, u mhux kif gara fil-kaz odjern, stante li bid-decizjoni ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti se tkompli tinholoq tensjoni u pressjoni fuq il-hajja ta’ l-appellant, li min-naha tieghu ma jista’ jaghmel xejn biex jimmeljora s-sitwazzjoni;

Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata.  Konsapevoli mill-insenjament ta’ Cesare Beccaria:

*"... che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso...,"*

l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Semgħet l-abbli Prosekutur u l-abbli Difensur

Ikkonsidrat

Rat l-affidavit ta' PS 1314 (fol 6) li fih hemm rapportat li nhar il-Ħadd 22 ta' Jannar 2012 ċerta Carmen Spiteri talbet l-intervent tal-Pulizija ħalli missier iż-żewġt itfal iħallas il-manteniment ta' nofs Awwissu 2011; il-manteniment tax-xhur ta' Diċembru 2011 u Jannar 2012. Skont digriet tal-Qorti Ċivil (Sezzjoni Familja) żewġha kellu jagħti lil omm uliedu ss-omma ta' 140Ewro fix-xahar u 117-il Ewro għat-tifla li dak iż-żmien kellha 17-il sena. Il-kumpnaija 'Polidano Brothers' kieent infurmata li ma kienx hemm biżżejjed flus biex jitħallas il-manteniment minħabba li r-raġel tal-kwerelanta kellu jħallas xi pendenzi dovuti lill-istess kumpanija. Il-Qorti Ċivili (sezzjoni familja) kienet irrifjutat kull rikors li kien għamel il-missier.

Il-verżjoni tal-missier kienet li l-kumpanija kienet itterminat l-impieg tiegħu u li hu ma kellux minn fejn iħallas. Filfatt huwa kien qed jgħix fuq il-benefiċċji soċjali.

Fil-proċess hemm affidavit ieħor li jgħid li fid-29 ta' Marzu, 2012 fejn l-istess Carmen Spiteri talbet l-intervent tal-Pulizija sabeix l-appellant iħallas il-manteniment dovut nofs Awwissu 2011 u l-manteniment għax-xhur Settembru, Ottubru, Novembru, Diċembru 2011 u Jannar, Frar u Marzu 2012. Il-kwerelanta rreferiet għad-digriet numru 15/09 tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) li bih il-Qorti kienet ordnat lir-raġel tagħha jagħti l-ammonti msemmija f'paragrafu aktar 'il fuq.

Il-bqija ta' dan l-affidavit jagħti l-istess dettalji li jidhru f'ta' qablu.

Fil-proċess hemm affidavit ieħor (fol 14) dejjem ta’ P.S. 1314 Raymond Ambrogio. Din id-darba l-kwerelanta kienet marret l-għassa fis-16 ta’ Frar 2012. Mill-bqija dan l-affidavit fih l-istess dettalji li jidhru fl-affidavits ta’ qabel.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ngħatat fit-30 ta’ Mejju, 2012.

Fl-20 ta’ Mejju 2013 xehdet Carmen Spiteri. Din ikkonfermat li kienet tħallset 500 Ewro għax-xhur ta’ Settembru, Ottubru u Novembru 2011 u għal dan il-perjodu kien baqgħlu jagħtiha 217 Ewro. Biss qalet li għax-xhur inidkati fiċ-ċitazzjoni hija kienet għadha ma tħallsitx.

Fil-kontro-eżami hija qalet li l-mitejn Ewro li kienu ngħataw f’April kienu għall-flus li kellha tingħata f’Awwissu 2011.

Fit-30 ta’Mejju, 2012 kienet inqatgħet is-somma dovuta għax-xhur imsemmija fiċ-ċitazzjoni Dawn jammontaw għal 1028 Ewro. Ta’ dawk kienet għadha ma tħallsitx. Huwa kein bagħat xi ħaġa tal-manteniment għax-xhur ta’ wara (Mejju, Ġunju u Lulju 2012). Ix-xhud insistiet li hija kienet semmiet ukoll il-500 Ewro li kienet ingħatat fit-30 ta’ Mejju 2012.

Carmen Spiteri reġgħet xehdet fil-15 ta’ Lulju 2013 u qalet li hija kienet tħallset għax-xhur indiakti fiċ-ċitazzjoni u għal xi xhur oħra. Kien hemm kontestazzjoni dwar 45.60 Ewros li x-xhud qalet li kienu tnaqqsu mill-pagament.

Fis-seduta tal-15 t’Ottubru, 2013, il-parte civili dehret assistita minn Dr Malcolm Mifsud li assoċja ruħu fil-patroċinju tal-parte ċivili, Huwa ddikjara li għall-perjodu tal-imputazzjoni l-parte civile kienet tħallset tal-manteniment kollu waqt il-mori tal-appell.

Ikkonsidrat

Li l-aggravju tal-appellant jista’ jkun sintettizat kif ġej:li l-ħlas tal-manteniment ma sarx b’kapriċċ iżda sempliċiment għaliex l-appellant spiċċa jgħix fuq il-ħlas tal-benefiċċju soċjali. B’dan il-pagament li kien qed jirċievi ma setax jgħix hu, jħallas il-mediċini u jħallas il-manteniment.

Barra minn hekk, is-sentenza kienet waħda eċċessiva.

Bir-rispett kollu l-Qorti ma taqbel xejn ma’ dawn l-aggravji. Il-manteniment għandu jitħalals fi żmienu u mhux jibqa’ jiġġebbed sakemm il-parte li għandha tirċievi l-manteniment tispiċċa titla’ u tinżel il-Qorti sakemm fl-aħħar tieħu dak li kellha dritt għalih.

Dwar is-sitwazzjoni li sab ruħu fiha l-appellant, din il-Qorti dejjem saħqet li sakemm ma jinbidilx id-digriet li jkun inħareġ mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), dak il-manteniment jibqa’ dovut.

Dwar li s-senenza hija waħda eċċessiva, il-Qorti qed iżżomm quddiem għajnejha li hawn japplika l-artikolu 18 tal-Kap 9 u li għalhekks, skont ma jipprovdi l-artikolu 31(1)(g) tal-Kap 9, b’żieda ta’ grad jew tnejn, il-piena tista’tkun multa jew priġunerija ta’ mhux iżjed minn tliet xhur. Mela jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura imponiet piena ta’ xahrejn priġunerija, din il-piena kienet fil-parametri tal-liġi. Barra dan il-fedina penali tikxef li din ma kenitx l-ewwel darba li l-appellant naqas li jagħti l-manteniment dovut. B’danakollu, il-Qorti ser tipprovdi dwar dan fil-konklużjoni tagħha.

Il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant iżda stante li fl-aħħar sar il-pagament

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2012 billi waqt li qed tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih qed tirriformaha f'dik il-parti fejn l-appellant kien ikkundannat għal xahrejn priġunerija u minflok qed tikkundannah iħallas ammenda kumplessiva ta' 230 Ewro għall-erba' darbiet f' daqqa li naqas li jħallas il-manteniment fiż-żmien indikat mil-liġi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------